



Brussell, 11 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14069/19

EF 328
ECOFIN 994
FIN 735

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 10/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha: inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha: inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji" kif adottati mill-Kunsill fit-3725 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Novembru 2019.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 10/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha: inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji".
2. JENFASIZZA l-importanza tat-test tal-istress tal-banek fl-UE kollha bħala għodda ta' superviżjoni sabiex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja u tiżdied it-trasparenza.
3. JIRRIKONOXXI l-ħidma konsiderevoli mwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u l-awtoritajiet superviżorji u makroprudenzjali kompetenti sabiex jiġi ffaċilitat test tal-istress xieraq fl-UE kollha.
4. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-EBA u tal-Kummissjoni għas-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri ppreżentati fir-Rapport Speċjali, kif ukoll, tal-kooperazzjoni tajba li kien hemm bejn l-EBA, il-Kummissjoni, il-BERS, il-Qorti tal-Awdituri, u l-awtoritajiet superviżorji u makroprudenzjali kompetenti.
5. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitwettaq test tal-istress fl-UE kollha li jilqa' l-isfidi enfasizzati fir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment ta' perspettiva Ewropea xierqa. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, definizzjonijiet xierqa tar-riskji, inkluż dawk li ġejjin mis-settur bankarju tal-UE nnifsu, u l-kopertura rispettiva tagħhom f'xenarji ta' stress.

6. JISSOTTOLINJA li l-għażla tal-banek għandha tkun ibbażata wkoll fuq ir-rilevanza sistemika u l-profil tar-riskju tagħhom u tiżgura kopertura ġeografika xierqa. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat livell minimu ta' stress għall-Istati Membri kollha kif ukoll għall-UE iġenerali. Il-popolazzjoni tal-banek soġġetti għat-test għandha b'hekk tikber kemm meħtieġ.
7. JISSOTTOLINJA wkoll li għandu jiġi eżerċitat livell sodisfaċenti ta' kontroll fuq il-proċess mill-EBA billi jiġu allinjati l-għażliet metodoloġiċi mar-riżorsi allokat li għall-eżerċizzju. Il-komunikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istress għandha ssir b'mod komprensibbli u koordinat madwar l-Unjoni, b'mod li jiġi żgurat l-għoti ta' data u informazzjoni kruċjali lill-partekipanti fis-suq u l-pubbliku ġenerali.
8. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati l-oġġla standards f'termini ta' preċiżjoni, effettività, trasparenza tat-test tal-istress fl-UE kollha u JILQA' f'dan ir-rigward ir-rispons tal-EBA għar-rakkomandazzjonijiet u l-intenzjonijiet tagħha li tikkunsidrahom fid-diskussjoni tagħha li għaddejja dwar bidliet fit-tul possibbli għat-test tal-istress fl-UE kollha.
-